31973R2682

L 277/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 3.10.1973

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2682/73
tal-1 ta' Ottubru 1973
dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Temporanju bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija b'konsegwenza ta' l-Adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Komunità

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu;

Wara li kunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;

Billi l-Komunità u t-Turkija stabbilew Protokoll Supplimentari dwar l-aġġustamenti li għandhom isiru fil-Ftehim u b'hekk inħolqot Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija konsegwentement għall-Adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Komunità:

Billi, sakemm jidħol fis-seħħ il-Protokoll, hu mixtieq li jiġu implimentati kemm jista' jkun malajr permezz ta' Ftehim Temporanju ċerti dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim Temporanju bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, konsegwentement għall-Adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Komunità, flimkien mad-Dikjarazzjonijiet annessi ma' l-Att Finali, huma hawnhekk konklużi u approvati f'isem il-Komunità. It-test tal-Ftehim u ta' l-Att Finali hu anness hawnhekk.

Artikolu 2

Fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 13 tal-Ftehim li reġa' ġie msemmi fl-Artikolu 1 dwar il-Komunità il-President tal-Kunsill għandu jgħarraf lill-Parti Kontraenti l-oħra li l-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ġew mitmuma [1].

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fl-1 ta' Ottubru 1973.

F'isem il-Kunsill

Il-President

I. NØRGAARD

[1] Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għandha tkun pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.